# Bliet fantażmi misterjużi fl-ispazju



Il-ġalassji huma bħal bliet ta' stilel fl-Univers. Iżda dan l-aħħar l-astronomi skoprew 12-il ġalassja li qishom bliet fantażmi għax kważi ma fihom l-ebda stilla!

Dawn il-ġalassji żgħar jissejħu 'galassji skuri', għax m'għandhom l-ebda dija mill-istilel li jġiegħlhom jidhru mdawla. L-astronomi kienu jobsru li l-ġalassji skuri jeżistu għax għandhom rwol importanti dwar kif jaħsbu li l-ġalassji kibru u evolvew waqt l-istorja tal-Univers. Imma sa meta saret din l-iskoperta ħadd qatt ma kien ra waħda qabel.

Il-ġalassji skuri qegħdin 'il bogħod ħafna fl-Univers. Huwa maħsub li huma 'pedamenti' li għenu biex joħolqu ġalassji kbar mimlija stilel li naraw illum, bħall-ġalassja tagħna, it-Triq ta' Sant'Anna/it-Trajja. Għadna nistgħu naraw dawn il-'pedamenti', anke jekk diġà ntużaw biex jinbnew il-ġalassji l-kbar. Minħabba f'hekk li meta nosservaw l-Univers imbiegħed inkunu qed nittawlu fil-passat! (Biex titgħallem iżjed dwar kif l-astronomi jistgħu jittawlu fil-passat, click here.)

Imma l-astronomi kif setgħu jfittxu ġalassja li hi skura? (Immaġina li kieku qed tfittex għal xemgħa f'kamra mudlama – titfi l-fjamma u jkun diffiċli li ssibha.) "Kemm tixgħel dawl qawwi fuqha," jispjega Simon Lilly, wieħed mill-astronomi wara din l-iskoperta ġdida. Għalhekk l-astronomi jfittxu ġalassji kbar viċin ta' ġalassji ta' dija inkredibbli li jissejħu 'quasars', li qegħdin 'il bogħod ukoll. "Id-dawl mill-'quasar' idawwal il-ġalassji skuri," jgħid Simon.

## COOL FACT

Dawn il-ġalassji skuri forsi huma żgħar meta mqabbla mal-ġalassji li naraw illum, imma xorta kien fihom madwar biljun darba iżjed gass mix-Xemx!